**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Kaz Nru 346/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**kontra**

**ANGELUS VELLA**

**(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 573953(M))**

**Illum, it-30 ta' Novembru tas-sena 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Angelus Vella** ta' sittin (60) sena bin il-mejjet Anthony u Marianne nee' Xuereb imwieled Tarxien nhar it-13 ta' Awwissu 1953, residenti Block 7, Flat 14, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0573953M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' Gunju 2013 u matul is-sentejn ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu teighu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi

(G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-qorti kienet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed:

2. Li kkommetta tali reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, nhar id-29 ta' Novembru 2012, kif ukoll,
3. Li kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Edwina Grima, datata 29 t' April 2013.

Rat l-atti processwali,

Rat u semghet lix-xhieda,

Rat l-atti kollha processwali kif ukoll id-dokumenti kollha esebieti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021 kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghall-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fil-25 ta' Jannar 2021;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat huwa nstab fil-pussess ta' sustanza li wara li giet ezaminata minn espert mahtur ghal dan l-iskop, ix-xjenzat Godwin Sammut, irrizulta li s-sustanza kienet kokaina fl-ammont ta' 0.36 grammi b'purita ta' circa 15%. L-imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni. Konsegwentament l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata.

In kwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjoni rrid jinghad li qabel ma l-imputat irregistra ammissjoni, l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li qed taghlaq il-provi taghha. Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li

tressqet prova li s-sentenza mghotija nhar id-29 ta' April 2013 u tad-29 ta' Novembru 2012 huma res judicata. Di piu' l-ahhar sentenza msemmija u cioe' dik mghotija fid-29 ta' Novembru 2012 lanqas gietipprezentata. Irid jinghad ukoll li llum il-gurnata bis-sahha tal-artikolu 4 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat f'ammont ta' inqas minn zewgt grammi (hekk kif jirrizulta li huwa fil-kaz odjern) ma ghadux punibbli b'piena ta' prigunerija izda b'penali. Ghaldaqstant, din l-Qorti, ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat minn dawn iz-zewgt imputazzjoni u dan minkejja l-ammissjoni tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 2(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillibera lill-qua imputat Angelus Vella mill-ahhar zewgt imputazzjonijiet filwaqt li qed isibu hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu (pussess semplici tas-sustanza kokaina). Konsegwentament b'applikazzjoni tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundana lill-qua imputat, Angelus Vella, ghall-penali ta' disghin (Eur. 90) Ewro.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Angelus Vella  sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 188.61 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett xhur millum.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**